MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 165/2003

**John Xuereb**

**vs**

**Michael Bonello
u
Middle Sea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu l-ammont ta' tlett elef mitejn u sitta u ghoxrin Lira Maltin (LM3,226.00,0), jew somma**

**ohra li tiffissa l-Qorti jew min minnhom rapprezentanti hsarat li l-attur sofra wara incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Marzu tas-sena 2000 liema responsabbilita' hija tal-konvenuti u dan permezz ta' arbitragg fejn iddecieda li Michael Bonello huwa ritenut responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha konsegwenzjali u minkejja d-diversi interpellanzi ghall-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat il-kapitolu datat id-29 ta' April tas-sena 2003;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet konguntiva tal-konvenuti datata t-30 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha ecceppew is-segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' Middle Sea Insurance p.l.c. mhix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet ta' l-attur stante illi hi tkopri lill-istess attur b'polza `third party, fire and theft', biss;**

**2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut Michael Bonello mhux responsabbli ghall-incident de quo u ghalhekk il-konvenuti m'humiex tenuti jhallsu danni lill-attur;**

**3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota tal-attur datata l-5 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha rrinunzja ghall-kapitolu minnu pprezentat;**

**Rat in-nota sussegwenti ta’ l-attur datata l-5 ta’ Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha ceda l-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi rizultat ta’ arbitragg bejn il-partijiet rimanenti wara incident awtomobilistiku li sehh bejniethom fit-23 ta' Marzu tas-sena 2000, kien deciz li l-konvenut Bonello Michael “ghandu jkun ritenut unikament responsabbli ghall-incident in esami u ghad-danni kollha konsegwenzjali”;**

**2. Illi pero’ jirrizulta li fuq il-kwantum tad-danni nvoluti l-istess arbitragg stranament baqa’ silenzjuz;**

**3. Illi nonostante l-ezitu posittiv ta’ l-arbitragg fuq indikat l-attur isostni li baqa’ ma giex rifuz d-danni minnu sofferti, u nonostante dan l-ezitu s-socjeta’ assikurattrici responsabbli xorta rrifjutat li taffettwa tali pagament;**

**4. Illi d-danni komplessivi sofferti mill-attur minhabba l-incident fuq indikat jammontaw ghall-**

**ammont minnu ndikat fl-avviz promotur kif avallat mill-kontijiet minnu pprezentati fir-rigward;**

**5. Illi sal-lum l-attur ghadu ma giex rifuz id-danni minnu sofferti u ghalhekk kien kostrett jipprocedi gudizjarjament ghas-sodisfazzjoni tad-danni minnu sofferti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-attur jirrizulta li ghazel li ma jiddeponix;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-attur kien assigurat ma' AON Insurance Brokers;**

**Illi in effetti l-attur jirrizulta li fis-sena 2000 kellu zewg incidenti awtomobilistici – wiehed fi Frar u iehor f'Marzu;**

**Illi meta s-socjeta' li maghha l-attur kien assikurat ezaminat ic-cirkostanzi tal-kaz inghata struzzjonijiet precizi kif kellu jimxi biex jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel dan it-tieni incident mertu tal-procedura ojderna;**

**Illi kien dan l-istess persuna li ha l-inkarigu biex jghaddi d-dokumentazzjoni necessarja ghall-pagament dovut;**

**Illi jirrizulta ex admissis li fin-negozjati mas-socjeta' assikurattrici involuta kien dan ir-rapprezentant li kien ha xi zball fil-konteggi u fid-dokumenti minnu esebiti li**

**mill-ewwel ikkoregihom kif ingibditlu l-attenzjoni ghal dan;**

**Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li l-ammont mitlub mill-attur hu effettivament dak dovut kif konfortat mid-dokumentazzjoni prodotta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju stante li t-talbiet attrici gew irtirati fil-konfront taghha, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Bonello, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Bonello Michael biex ihallas lill-attur John Xuereb l-ammont ta' tlett elef, mitejn u sitta u ghoxrin Lira Maltin, (LM3,226.00,0), danni minnu sofferti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti;**

**Tiehu wkoll l-opportunita' li tirrileva li l-arbitragg ghandu jkun ghodda ulterjuri intiza biex tiffacilita' lil min ikun involut biex jottjeni d-drittijiet tieghu b'celerita' u mhux bhala mezz ta' procedura inutili u inkonklussiva utilizzata biex ittawwal il-procedura ghad-detriment tal-gustizzja.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------